XGĦAJRA

Minuti tal-ħames laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill li saret fl-1 ta' Diċembru 2009 fil-5:30pm

| **Preżenti:** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Viċi Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttigieg |
| | Mario Buhajar |
| | Mary Claire Depasquale |

**L-Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kull ħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel -Il-minuti ġew moqrija u approvati

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – *Matters Araising* - mill-minuti tal-laqgħa ta' qabel:
    a. Il-Kunsill hu infurmat li t-*tenders* li ħarġu għall-kostruzzjoni u rikorstruzzjoni tas-*slipways* tat-*Talk,* l-offerti kienu tali li ntalab kwazi doppju ta' l-istima tal-Perit tad-Dipartiment tax-xogħolijiet. Is-Sindku pprezenta ittra mill-Ministeru tar-rizorsi fejn fost affarijiet oħra hu ndikat li jkun meħtieġ li jinstab mezz biex l-obbligazzjonijiet skond l-MOU jiġu onorati u *slipway* issir kif ippjanat.
    b. i) Arrigward l-facilitajiet sportivi u rikrejattivi fis-*site* tat-Triq Il-Fortizza tal-Grazzja hu meħtieg li l-Perit tal-Kunsill ifittex jiffinalizza l-punti pendenti biex l-

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Kunsill jkun jista' joħroġ it-*tender* qabel l-aħħar tas-sena. Jidher mill-istima tal-Perit tal-Kunsill li mhux se jkun hemm fondi biżżejjed mill-MOU u għalhekk il-Kunsill jkun kostrett li jitlob fondi speċjali għat-tkomplija tal-proġett.

ii) Il-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel stima u lista tal-*furniture* li tenħtieġ għal facilitajiet sportivi biex jintalbu fondi mill-MEPA skond il-UIF.

c. *Naming and renaming* tat-toroq. Jenħtieg li jinstab isem aċċettabbli għal N/S fi Triq il-Knisja billi dak ipproponut mill-Kunsill jiġifieri ta' Triq Ġużeppi Żammit ma ġiex accettat mill-Kumitat għat-tismija ta' toroq. Ik-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Depasquale pproponiet Triq Gwanni Pawlu II jew Triq Mother Theresa, il-Viċi Sindku s-Sur Joe Azzopardi ppropona Triq Smart City, il-Kunsilliera s-Sinjura Antonia Buttigieg ipproponiet Triq Sant Antnin, filwaqt li s-Sindku ppropona li la issa Malta għandha l-ewwel Qaddis għaliex ma tissemmiex Triq San Ġorġ Preca.

*d.* Saru żewġ siti għal *Greenpack skips* għal ġbir ta' skart magħżul. Waħda fi Triq l-Ispnott u l-oħra ħdejn id-*dressing room* tax-Xgħajra Tornadoes F.C.

4. Item Nru 5 fuq l-aġenda-Korrispondenza:

(i) Il-Kunsill irċieva diversi offerti minn *suppliers* ta' sistemi *photovoltaic.* Nifhmu li l-Kunsilli għandhom ikun l-protagonisti biex jidħlu għal progetti ta' enerġija rinnovabbli u nadifa, għal dan il-għan il-Kunsill se joħroġ sejħa għal studju u rapport ta' kif il-binja tal-Kunsill jista' jotempora ma' dan l-izvilupp u dan b'sejħa għall-*quotation*. Il-Kunsillieri Sinjura Marie Claire Depasquale għandha s-segwi dan ir-rapport biex il-Kunsill jottieni l-fondi

neċessarji għal dan il-għan u dan skond ir-rapport tal-*Engineer* li jkun ikkwalifika skond il-*quotation*.

(ii) Il-Kunsill ġie notikifat verbalment minn John Grixti, l-kuntrattur preżenti tal-Kunsill, għal ġbir ta' skart domestiku, li 2.5 tons ta' skart jinġabar mix-Xgħajra kuljum

(iii) Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill Kunsill li jieħtieg li joħorġu it-*Tenders u call for quotations* skond id-dirrettiva tad- Dipartiment tal-Kunsilli u li hu qiegħed jipprepara dawn id-dokumenti sabiex sa l-aħħar tas-sena nkunu ġejna konformi.

5. Item Nru.5 fuq l-aġenda- L-infieq għax-xahar ta' Novembru 2009 ġie approvat.

6. Item Nru. 6 fuq l-aġenda-Xogħol madwar ix-Xgħajra-

- Tlestijiet tal-bankina, *surfacing* bit-tarmac, servizzi u sinjali tat-traffiku fi Triq il-Knisja u Triq San Ġakbu.

7. Item Nru. 7 fuq l-aġenda-Affarijiet oħra

(a) Billi l-Kunsill kien approva l-għotja ta' *card* ta' €10 lil kull Kunsillier fix-xahar għall-ispejjes ta' telefonati bill-*mobile* ġara li waqt it-tqassim ta' dawn il-*cards* lill-Kunsilliera, ġiet irrifjutata din l-għotja ta' 4 *cards* mis-Sinjura Marie Claire Depasquale. Is-Sindku spjega li sa l-aħħar ta' din is-sena se tkun l-aħħar ta' dawn ir-*reimbursements* għax mill-1 ta' Jannar 2010 se jidħlu l-kontribuzzjoni ta' €100 fix-xahar lil kull Kunsillier. Is-Sindku kompla jgħid li fuq xogħol tal-Kunsill li hu jkun qabbad Kunsullier/a sabiex jieħu ħsieb, u jkun jinvolvi numru ta' telefonati bil-mobile personali tagħhom, dawn kellhom jiġu *reimbursed* għal dawk l-ispejjes li jkunu saru minn buthom Għalhekk kien ġie deċiż li tinata *card* ta' €10 fix-xahar li hu ammont minimu li jissarraf għal €2.33 fil-ġimgħa.

XGĦAJRA

(b) *It-Tender* ta' sejħa għal ġbir ta' l-iskart domestiku għandha tkun mħallta. Kemm ġbir bieb bieb kif ukoll bl-użu ta' *Bins on Wheels*. (*Skips*)

(c) Ser issir *'Thanks Giving Day'* tal-Kunsill nhar it-Tnejn 28 ta' Diċembru 2009. Fl-iskola Primarja tax-Xgħajra fis-7:30pm

(d) Is-Sindku fakkar lill Kunsilliera li kif dejjem sar kull sena preċidenti jiġu mqassma *tokens* lil kull koppja anzjana bħala tifkira ta' l-Istrina.

(e) Id-*Draft Bye Law* tas- *Street Furniture* kompilata mill-Kunsilliera s-Sinjura Depasquale u li din għandha tgħaddi f'idejn is-Sindku għal l-emendi u li wara jikkuntatja lis-Sinjura Depasquale ħalli jsiru dawk l-emmendi neċessarji.

Item Nru 8 fuq l-aġenda – Aġġornament –

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar 2010, fil-5.30pm

___________________________

___________________________

Segretarju Eżekuttiv                                        Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt